


# IL-MARA FIL-FOLKLOR GĦAWDXI

*( It-Tieni Parti )*

## IL-MARA FIL-QWIEL

Wieħed mill-aspetti folklorstiċi l-aktar importanti biex wieħed isir kif il-poplu tagħna jaħsibha dwar il-mara hu dak tal-għerf bla miktub li jinsab imxerred fil-qwiel tagħna. Meta jinġabru l-qwiel normalment ma jinkitibx minfejn ikun inġabar il-qawl, u għalhekk ma nistgħux naqtgħu b'mod ċar fejn ikun oriġina l-qawl jekk hux Malta jew Għawdex. Għalhekk se nillimita ruħi għal xi qwiel li jien naf żgur li jingħadu Għawdex.

Għall-Għawdxin il-mara hija kollox fid-dar, u fejn m'hemmx mara, m'hemm xejn: *Dar bla mara, xejn ma fiha x'tara.* Dan ma jfissirx li fid-dar għandha tikkmanda l-mara. Infatti qawl ieħor igħid, *Ir-raġel tiġieġa u l-mara serduk, id-dar tinqaleb ta' taħt fuq.* Dwar dik li hi tmexxija, il-Għawdxin ma tantx għandhom opinjoni tajba tan-nisa. Infatti, qawl Għawdxi ieħor magħruf sewwa jgħid: *Min jisma' minn mara, jibqa' wara.* Jien naħseb li dan kollu jfisser li xi drabi n-nisa jindaħlu f'affarijiet li fihom ma jifhmux bil-konsegwenza li jisfrattaw il-pjanijiet kollha tar-raġel li ċertament fl-affarijiet tiegħu jifhem iżjed. Skond qawl ieħor, tant ma jiswew xejn in-nisa f'dak li għandu x'jaqsam max-xogħol ta' l-irġiel li dan il-qawl igħid: *In-nisa twal qatt ma ħattu swar.*

Nistgħu ngħidu li l-poplu tagħna għandu opinjoni tajba ħafna tan-nisa sbieħ. Il-qawl igħid: *Mara sabiħa tikber kemm tikber, dejjem tajba għat-tieqa.* Il-ġmiel tal-mara jibqa' hemm, anki jekk igħaddu ħafna snin. Infatti, il-qawl isostni li: *Mara sabiħa ta' għoxrin, ġmielha jibqa' u ssir ta' seħer ta' ħamsin.* Imma meta tagħlaq il-ħamsin l-attrazzjoni fiżika tal-mara tispiċċa għaliex kif igħid qawl ieħor: *Wara l-ħamsin il-mara titbiel.*

Il-ġmiel tan-nisa hu ta' periklu għall-irġiel. Għalhekk il-qawl iwissi: *In-nisa sbieħ biex tħares lejhom.* Imma hawnhekk wieħed ma jistax ma jsemmix l-attrazzjoni irreżistibbli li n-nisa għandhom fuq l-irġiel, Darba għadma ta' raġel mejjet resqet ma' għadma ta' mara mejta. Mara sabiħa tiżżewweġ malajr għaliex kulħadd jinġibed lejha: *Mara sabiħa, id-dota ġewwa.* Nisa li jkollhom għajnejhom żoroq għandhom attrazzjoni speċjali: *Mara għajnejha żoroq issaħħar it-toroq.* Xebbiet smien, għalkemm mhux il-ħoxnin, għandhom dehra li togħġob aktar lill-irġiel: *Is-simna sabiħa f'debba, aħseb u ara f'xebba.* Li tkun qasira m'hux xi żvantaġġ għall-mara, anzi tingħoġob aktar:

> *Kemm hi sabiħa mara qasira,*
> *Donnha xitla ġewwa ġnien,*
> *X'ħin tmur biex issaqqiha*
> *tilħaqha minn kullimkien.*

B'dan kollu x'uħud jippreferu mara twila,

> *Kemm hi kerha mara qasira,*
> *Xħin tkun rieqda qisha kobba,*
> *Kemm hi sabiħa mara twila,*
> *Xħin tkun rieqda timla sodda.*

Mara li jkollha sider kbir u sabiħ għandha żgur dehra isbaħ minn waħda b'sidirha lixx għaliex: *Meta s-sider ma jinfirixx, il-ħannieqa ma tissensilx.* Mara li jkollha sidirha lixx bħalxejn taqla' xi botta, ngħidu aħna xi ħadd igħidilha: *Kampnar bla qniepen!* Fejn ma jidher xejn, fid-dlam, m'hemmx differenza: *Bil-lejl in-nisa kollha xorta.* Mela d-differenza qiegħda biss fl-apparenza u mhux fl-essenzjal.

Naturalment l-akbar attrazzjoni tal-mara tkun fuq min hu żagħżugħ u mhux fuq min hu xiħ: *Wieħed xiħ, bewsa ta' mara ma tagħmilx bih, wieħed żagħżugħ bewsa ta' mara toħroġlu d-dmugħ.* Mara b'ġilda

sewdenija taffettwa lir-raġel aktar bil-kbir: *Il-mara sewda lir-raġel tagħmlu għewda.* Il-bews hu mod attraenti ħafna kif mara tista' tirbaħ lil raġel biex wara tagħmel bih li trid. Għalhekk il-proverbju jwissi: *Meta bewsa tagħtik mara, imbagħad trid tara x'ikun wara.* Qawl ieħor iwissi lill-irġiel biex joqogħdu attenti minn xi mara bla għaqal: *Warda bla fwieħa ma fihiex x'ixxomm,* mara bla għaqal ma fihiex x'iżżomm. Mhux għaġeb, mela, li fejn jidħol il-għaqal għall-mara jingħad li mara sellum tal-ġenna.

Jingħad li ċerti nisa huma rashom iebsa u jiġu jaqgħu jqumu minn żwieġhom. Dan mhux sewwa għax: *Mara li ma tifhimx b'daqqa ta' għajn, ma tifhimx b'daqqa ta' ponn.* Għalhekk l-irġiel għandhom joqogħdu attenti kif iġibu ruħhom mal-mara f'dik li hi mħabba: *Mara ħobbha u turihiex.* Igħidu li n-nisa jafu jħobbu iżjed mill-irġiel. Imma hawn ukoll nisa li jħobbu l-flus: *Meta r-raġel jikxef karusu, il-mara tieħdu għal flusu.*

Imma mingħajr ebda dubju ta' xejn, l-akbar xewqa tal-mara hija dik li ssir omm għax: *Mara bla żaqq, bħal tieġ bla daqq.* U l-mara li ssir omm tħossha verament kburija u tkun laħqet l-akbar u l-aqwa għan ta' ħajjitha: *Mara tqila, ġo did-dinja turi l-ħila.*



## TWELID U INFANZJA

U issa ngħaddu biex naraw ftit it-twemmin tal-Għawdxin dwar in-nisa fit-twelid u l-infanzja. Ngħid bla tlaqliq, il-maġġoranza tal-Għawdxin aktar jieħdu gost b'tifel milli b'tifla. Nammetti, hemm xi eċċezzjonijiet, per eżempju familja li jkollha ħafna subjien imbagħad tkun tixtieq tifla. Però, ibqgħu żguri li aktar ma jkun hemm bniet fil-familja, akbar tkun ix-xewqa għal wild tal-ġens maskil. Ir-raġuni għandi nifhem li tista' tkun għaliex is-subjien aktar jimexxu fil-ħajja mill-bniet, almenu dari hekk kien, għaliex skond il-qawl: *ħafna subjien bsaten u tmien, ħafna bniet ilaħħqu l-biċċiet.* Mela l-bniet kienu tajbin biss għall-insiġ, xogħol tradizzjonali komuni fid-djar Għawdxin ta' l-imgħoddi. Ħafna bniet fl-istess familja ma jġibux xorti tajba. Infatti f'Għawdex hawn it-twemmin li minn kull sitt ibniet fl-istess familja, tnejn minnhom joħorġu ħawlin jew bla tfal.

Hawnhekk ukoll hawn it-twemmin li meta mara tkun tqila u titwaħħam, jiġifieri taqbadha xewqa kbira għal xi ħaġa ta' l-ikel, għandek tagħtiha gidma, anzi tnejn, fil-każ li jkun hemm tewmin, u jekk meta tkun imwaħħma tmiss x'imkien it-tarbija titwieled bil-marka li turi dak li kienet xewqana għalih ommha, ngħidu aħna jekk tmiss żaqqha meta tkun imwaħħma għal xi frotta, it-tarbija titwieled bil-marka ta' dik il-frotta fuq żaqqha. U min ma jagħtix tiekol gidma lil mara mwaħħma, ikun ikkastigat għaliex titlagħlu xgħira f'għajnu.

F'Għawdex in-nisa li jkunu se jwelldu juru fiduċja sħiħa fis-sema: *Il-Bambin jagħtihielha tajba*, inkella *'K Alla jrid kollox ikun sew.* Il-qabla jew il-majjistra malli tidħol fid-dar ta' mara li tkun se twelled tgħid, *Ġesu' Nazzarenu*, u terġa' tirrepeti l-istess kliem malli tkun se tidħol fil-għorfa tal-kamra ta' fuq fejn ikun hemm il-mara li tkun waslet għall-ħlas. F'Għawdex, iżda, niltaqgħu ma' drawwiet strambi li jistgħu għandhom għeruqhom fi żmien il-qedem. Per eżempju, dari fix-Xagħra kien hemm id-drawwa li n-nisa tqal jibirku jew joqogħdu kokka fuq ġebla kbira, aktarx xi fdal Neolitiku, biex jassiguraw li jkollhom ħlas tajjeb. Fis-seklu 18, skond De Soldanis, kien hawn ukoll xarba li kienet tgħin lill-ommijiet fil-ħlas. Din kienet tissejjaħ ċumnata u kienet issir mill-inbid, ħwawar, kannella u msiemer tal-qronfol imgħollija fuq in-nar. Waqt it-twelid hija l-omm li tbati, fil-waqt li l-qabla tkompli xogħolha bl-istess leħen sod, tant li qawl mill-Munxar igħid: *Il-muluda mikduda, u l-qabla tgħajjat.* Xi nisa li jdumu ma jwelldu ġie li jinqdew bil-warda tal-passjoni li jixtħuha fl-ilma u malli tiftaħ allura hemm jibda t-tqanqil u l-uġigħ tal-ħlas. F'Għawdex tant kienu jemmnu li l-ward jiftaħ iqanqal il-ħlas li anki dawk in-nisa li ma jkunux se jwelldu meta jaraw warda qiegħda tiftaħ, kienu jgħidu li jħossu t-tqanqil tal-ħlas.

In-nisa ġie li kienu jagħmlu wegħdi għal ħlas tajjeb. Dawn il-wgħiedi aktarx kienu jħalluhom bħala *ex-voto* f'xi knisja, l-aktar fis-Santwarju tal-Qala jew fil-Knisja ta' San Franġisk tar-Rabat.

Bħalma diġa' għidt, it-twelid ta' tifla ma tantx jieħdu gost bih l-Għawdxin. Għalhekk meta titwieled tifla jgħidu, l-*ixkupa ħadet qatgħa*, inkella, *id-dota marret* jew *ommha tilfet il-gradenza.* Jiġifieri bit-twelid ta' tifla se jkun hemm min jagħmel il-faċendi, imma d-dota li ġabet magħha l-omm issa tkun trid tagħtiha lil bintha.

Meta f'xi familja titwieled tarbija ġdida, allura l-omm kienet tibgħat tistieden lill-qraba, il-ġirien u l-ħbieb kollha biex jiġu joqogħdu. Biżżejjed tibgħat lil xi tifel kbir tagħha jew tal-ġirien U kien isir trattament żgħir b'ħelu u xorb tradizzjonali. Illum dan it-trattament inbidel f'*party.* U erħilhom il-mistednin kollha jippruvaw jaqtgħu lil min tixbah it-tarbija l-ġdida.

Naturalment, it-twelid ta' tarbija ġdida jġib miegħu l-periklu, kemm għat-tarbija nfisha, kif ukoll għall-omm. Jekk l-omm tkun trid tippreżenta t-tarbija tagħha, hija m'għandhiex toħroġ jew tmur taħdem qabel ma tkun ippreżentata. F'Għawdex il-preżentazzjoni tat-trabi ssir l-aktar lill-Madonna ta' Pinu. Illum il-Knisja ta' Sant'Anna fid-Dwejra wkoll tilqa' fiha bosta trabi li jiġu ppreżentati lil Sant'Anna.

Il-periklu li jista' jġib miegħu t-twelid ta' tarbija jdum għal erbgħin jum. F'dan il-perijodu l-omm jingħad li kienet tkun imniefsa jew bl-infasa. De Soldanis igħidilna li meta mara li kienet tkun bl-infasa ssemmi mara oħra li wkoll kienet tkun bl-infasa f'dawn l-erbgħin jum, waħda minnhom kienet tmut. Jista' jkun li din kienet superstizzjoni, u jista' jkun li kienet tirrifletti r-rata ta' mortalità għolja fost l-ommijiet ta' dari.

L-ewwel ilma li fih l-omm kienet taħsel it-tarbija tagħha jingħad li kien ikun fih il-proprjetà li jfejjaq. Għalhekk, jekk xi tarbija tkun marida, kienu jerġgħu jaħsluha fl-ewwel ilma li fih kienet tkun ġiet maħsula tarbija f'saħħitha. In-nies tal-Munxar kienu jemmnu li b'dan il-mod tarbija marida tista' tfiq. Jista' jkun ukoll li dan it-tip ta' fejqan hu rimenixxenti għall-fejqan tal-għaġeb li, skond l-Evanġelji Apokrifi, kien isir bil-ħasil bl-ilma li fih il-Madonna kienet tkun ħaslet it-tarbija Ġesù.

L-ommijiet Għawdxin, bħal dawk Maltin, kienu jibżgħu ħafna mill-għajn li tista' tilħaq lil uliedhom. Għalhekk, kienu jlibbsuhom kull xorta ta' qrun, baħbuħ, feticċi u amuletti oħra kontra l-għajn. Jekk it-tarbija mbagħad timrad kienu jemmnu li dik m'hix tagħhom. F'Għawdex kienu jeħduha fil-qabar ta' San Kerrew fil-Qala li hemm fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni. Meta t-tarbija tkun fil-qabar l-omm titlob: *Ibdilhuli, 'tini tiegħi*. Post ieħor f'Għawdex fejn in-nisa kienu jieħdu t-trabi morda tagħhom kien dak ta' Sant'Elihu bejn ix-Xewkija u Għajnsielem fuq daqsxejn ta' għolja fejn fl-antik aktarx li kien hemm il-kappella ta' Sant'Elija. Hemmhekk l-ommijiet kienu jagħmlu l-istess talba. Fiż-żewġ każi l-ommijiet kienu jemmnu li t-tarbija l-marida tinbidel mat-tarbija vera tagħhom, qawwija u sħiħa, u bħala tifkira jħallu ħwejjiġha hemm. Fil-każ ta' Sant'Elihu, il-qassisin Għawdxin kienu jiskoraġġixxu din id-drawwa.

L-ommijiet Għawdxin kienu hekk iffissati fuq is-saħħa ta' wliedhom li anki waqt li jaħsluhom kienu jgħidu taqbil ħalli jixtequhom jikbru b'mod normali. Għalhekk, fix-Xewkija u f'irħula oħra f'Għawdex meta l-omm tkun taħsel it-tarbija tagħha kienet tagħmel is-sinjal tas-salib fuq żaqqha fil-waqt li tgħid:

Tikber kull jum u kull lejla
bħall-faqqus tal-bħajra!

Tikber kull jum u kull nhar
bħall-faqqus tal-ħjar!

Tikber kull jum u kull ljieli
bħall-għanqud tad-dwieli.

Jingħad li l-akbar xewqa ta' kull mara hija li ssir omm u li jkollha 'l uliedha. Għalihom tagħmel kollox, bħalma jgħid il-qawl: *L-omm għal uliedha, ħalliela u giddieba*. U li tagħmel ifisser ukoll taħdem, tagħnet, titħabat biex tiddobba xi ħaġa għall-familja, l-aktar dari meta x-xogħol tar-raġel ħafna drabi ma kienx ikun biżżejjed. Fil-familja tal-bdiewa l-mara tgħin li żewġha bidwi fix-xogħol tiegħu... Imma l-ħidma tal-mara fil-ħajja tal-bniedem hija wisq aktar minn hekk.

Din narawha mill-qrib fil-ħarġa li jmiss.


The Liqueur Shop
The Leading Wines, Spirits & Tobacco Merchants in Gozo.
• FREE DELIVERIES •
14 St George's Square, Victoria.
Tel: 556531
Prop. J.C. Mejlak Zammit

TAL-MUDELL
HARDWARE SHOP
FORTUNATO MIZZI STREET, VICTORIA, GOZO - TEL. 554131